**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 02 ta' Frar, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 26/2014 AF**

**L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**vs**

**Brittania Shipping International Limited (C-36039)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat l-Awtorità għat-Trasport f' Malta li ġie ppreżentat fl-14 ta' Jannar 2014 li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Il-kumpanija konvenuta Brittania Shipping International Limited hija debitrici tal-Awtorità attrici fis-somma ta' erba' u sittin elf mitejn u tmienja u disghin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€64,298.38) bilanc minn somma akbar konsistenti fi drittijiet portwali, inkluzi drittijiet dovuti taht ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Port, drittijiet ta' rmigg (*berthage dues*), drittijiet dwar bastimenti qieghda (*laid up dues*) u hlasijiet rigward l-immaniggjar tal-iskart iggenerat minn bastimenti (*ship generated waste management fees*). Dan jidher mill-

*istatement of account* datat 18 ta' Novembru 2013 anness bhala Dok. TM1.

Id-drittijiet mitluba jirrigwardaw faciltajiet moghtija lill-konvenuta Brittania Shipping International Limited fuq talba taghha stess fir-rigward ta' diversi bastimenti ta' proprjetà taghha jew minnha operati jew rapprezentanti.

Il-konvenuta Brittania Shipping International Limited giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammonti minnha pagabbli. Madankollu, hija baqghet inadempjenti u l-ammont dovut baqa' dejjem jizdied.

Ghal skopijiet ta' dawn il-proceduri, l-Awtorità attrici qed tnaqqas mill-ammont pretiz minnha s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf mitejn u disghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€28,290.82) li kienet akkumulat sad-29 ta' Dicembru, 2010 u dan ghaliex is-somma msemmija qed tintalab fi proceduri gja pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti (fl-ismijiet *l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta vs Il-Bastiment MV Maru u l-kumpanija Brittania Shipping International Limited (C-36039), proprjetarja tal-istess bastiment*, 188/11 MC). Ghall-kjarezza jinghad ukoll illi s-somma ta' €6,630.70 illi mill-istatement jidher li thallset nhar it-3 ta' Awwissu, 2011 [Ricevuta Numru 003485) u li sa issa ghadha ma gietx allokata, qed titnaqqas mit-total dovut u ttiehdet in konsiderazzjoni fil-kalkolu tal-ammont mitlub fil-kawza prezenti.

Ghalhekk f'dawn il-proceduri qed jintalab il-bilanc rimanenti ta' sitta u tletin elf u seba' Ewro u sitta u hamsin centezmu (€36,007.56).

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenuta Brittiania Shipping International Limited hija debitrici tal-Awtorità attrici fis-somma ta' erba' u sittin elf mitejn u tmienja u disghin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€64,298.38) bilanc minn somma akbar konsistenti fi drittijiet portwali, inkluzi drittijiet dovuti taht ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Port, drittijiet ta' rmigg (*berthage dues*), drittijiet dwar bastimenti qieghda

(*laid up dues*) u hlasijiet rigward l-immaniggjar tal-iskart iggenerat minn bastimenti (*ship generated waste management fees*).

2. Tikkundanna lill-konvenuta Brittiania Shipping International Limited thallas lill-Awtorità attrici l-imsemmija somma ta' sitta u tletin elf u seba' Ewro u sitta u hamsin centezmu (€36,007.56).

Bl-ispejjez gudizzjarji, u bl-imghaxijiet legali bl-oghla rata applikabbli ai termini tal-Kap. 13, mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà intimata Britannia Shipping International Limited li ġiet ippreżentata fil-11 ta' Marzu 2014, fejn eccepit illi:

In linea preliminari, l-esponenti f'dana l-istadju jirrileva illi r-rikorrenti jikkampaw il-pretensjoni taghhom fuq il-premessa "*Illi d-drittijiet mitluba jirrigwardaw facilitajiet moghtija lill-konvenuta Brittania International Shipping Limited fir-rigward ta' bastimenti ohra proprjetà taghha jew minnha operati*". Illi dan huwa sostnut b'prospett anness mar-rikors promotur li ma jaghti l-ebda indikazzjoni ta' xiex u ghal-liema bastiment dawn jirreferu. Illi ghalhekk l-esponenti in vista ta' dan, ma jistax jilqa ghat-talba kif esperita fir-rikors promotur u ghalhekk jitlob f'dana l-istadju li wara li jinghata prospett dettaljat ikollu l-fakoltà jintaola risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu parti sostanzjali mill-ammont reklamat ma huwiex dovut stante li partijiet mir-rati reklamati huma esagerati.

Ukoll parti sostanzjali mill-ammont reklamat ma huwiex dovut stante illi drittijiet ta' rmigg thallsu lil terzi kif ser jirrizulta ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza.

Ukoll parti mid-drittijiet ghal servizzi allegatament prestati ma gewx prestati lis-socjetà intimata.

Ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost ma humiex dovuti l-imghaxijiet kif kontemplati fil-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti prodotti.

Semgħet xiehda viva voce.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Rat li baqghet ma giet prezentata ebda nota tas-sottomissjonijiet tas-socjetà intimata.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-awtorità rikorrenti bħala l-awtorità responsabbli mill-ħwejjeġ marittimi tiġbor dawk id-drittijiet u ħlasijiet li jistgħu ikunu dovuti jew skont il-liġi jew fir-rigward ta' faċiliatjiet portwali provduti lil bastimenti partikolari.

F' dan ir-rigward l-Artikolu 14 tal-Kap 352 (Att dwar Portijiet u Bastimenti) jistipula illi:

*(1) L-Awtorità għandha tiġbor id-drittijiet, ir-rati, il-ħlasijiet u l-pagamenti li minn żmien għal żmien jistgħu ikunu preskritti.*

*(2) Il-persuni li ġejjin ikunu responsabbli għall-ħlas ta' kull dritt, ħlas jew pagament miġbur taħt dan l-Att:*

*(a) Il-kaptan jew sid tal-bastiment;*

*(b) l-aġent tal-bastiment, li jkun ħallas jew ħa r-responsabbilta` li jħallas xi ħlas akkont ta' dak il-bastiment;*

*Iżda l-obbligu tal-aġent ta' dak il-bastiment għal dawk il-ħlasijiet m'għandux jeċċedi l-massimu tal-ammont li għalih l-aġent igawdi l-privileġġ taħt l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.*

*(3) Meta xi drittijiet, ħlasijiet jew pagamenti miġbura taħt dan l-artikolu jitħallsu mill-aġent jew mir-rappreżentant li jkun ħa r-responsabilta` għall-ħlas skont il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) dak l-aġent jew rappreżentant jista' jżomm il-flus li jkollu f' idejh li jkun irċieva akkont tal-bastiment, jew tas-sid tiegħu, l-ammont imħallas minnu flimkien ma' kull spejjeż xierqa li jkun seta' għamel minħabba dak il-ħlas jew dik ir-responsabbiltà.*

L-awtorità rikorrenti fir-rikors ġuramentat tagħha spjegat illi d-drittijiet mitluba minnha jirrigwardaw faċilitajiet mogħtija lis-soċjetà intimata Britannia Shipping International Ltd fuq talba tagħha stess fir-rigward ta' diversi bastimenti proprjetà tagħha jew operati jew rappreżentati minnha.

Mr Anthony Caruana li kien il-*Ports Operations Manager* fi ħdan l-awtorità rikorrenti (u preċedentement l-Awtorita` Marittima ta' Malta) fl-affidavit tiegħu[1] spjega li Joseph Anthony O'Connor huwa d-direttur tas-soċjetà intimata Britannia Shipping International Ltd u li dejjem ippreżenta ruħu f'isimha u qatt ma semma xi kumpanija oħra bħala proprjetarja jew operatriċi tal-bastimenti in kwistjoni. "*Tant hu hekk illi l-fatturi kienu joħorġu regolarment lil Brittania Shipping International Ltd ….*"

L-awtorità rikorrenti fir-rikors ġuramentat tagħha[2] allegat illi hija debitriċi tas-soċjetà intimata fl-ammont ta' €64,298.38, bilanċ minn somma ikbar konsistenti f' drittijiet portwali, inklużi drittijiet dovuti taħt ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Port, drittijiet ta' rmiġġ (*berthing dues*), drittijiet dwar bastimenti qiegħda (*laid up dues*) u ħlasijiet rigward l-immaniġġjar tal-iskart iġġenerat minn bastimenti (*ship generated waste management fees*). L-ammont ta' €6,630.70 li tħallas f' Awwissu 2011, diġa tnaqqas mit-total dovut. Dan kollu

[1] Affidavit ta' Anthony Caruana, fol 120-123 (li oriġinarjament kien ġie ppreżentat fil-kawża 188/11MC)

[2] Dikjarazzjoni ġuramentata ta' Dr Christopher Spiteri f' isem l-Awtorita` għat-Trasport f' Malta

jirriżulta mill-istatement tat-18 ta' Novembru 2013, Dok TM1.[3]

L-Awtorità spjegat li minn tali ammont ta' €64,298.38, is-somma ta' €28,290.82 (li kienet akkumulat sad-29 ta' Diċembru 2010) intalbet f' kawża oħra (188/MC) u għalhekk f' din il-kawża qed titlob l-ammont ta' €36,007.56.

Fl-ewwel eċċezzjoni tagħha s-soċjetà intimata ilmentat li l-istatement Dok TM1 ma jagħti l-ebda indikazzjoni ta' xiex u għal liema bastiment jirreferu d-drittijiet pretiżi u għalhekk insistiet li jingħata prospett dettaljat.

In vista ta' din l-eċċezzjoni, l-awtorità rikorrenti ippreżentat prospett (Dok TM)[4] tal-ammonti mitluba minnha fir-rigward ta' kull bastiment, kif ukoll il-fatturi kollha relattivi (Dok A-F)[5]. Spjegat ukoll li l-ammonti mitluba f' din il-kawża huma dovuti mill-31 ta' Diċembru 2010 għaliex id-debiti preċedenti intalbu fil-kawża 188/11MC preżentement pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.

Din il-qorti tosserva illi għalkemm xi fatturi jirrigwardaw drittijiet fir-rigward ta' xi perjodu preċedenti għall-31 ta' Diċembru 2010, il-fatturi nnifishom huma datati mill-31 ta' Diċembru 2010 'il quddiem.

L-awtorità telenka hekk l-ammonti dovuti:

| | |
|---|---|
| Dok A: MV Trivia 2: | € 318.98 |
| Dok B: MV Mar Nova (ex Carmela) | € 1,625.00 |
| Dok C: MV Captain Omar | €29,890.00 |
| Dok D: MV Rania | € 5,290.30 |
| Dok E: MV Maru | € 850.00 |
| Dok F: MV Tuskar Rock | € 4,613.98 |
| TOTAL | €42, 588.26 |

3 Statement tat-18.11.2013, Dok TM1, fol 5-17

4 Dok TM, fol 33

5 Dok A-F, fol 34-111

Skond l-Awtorità, jekk wieħed inaqqas is-somma ta' €6,630.70 li tħallset fit-3 ta' Awwissu 2011 tibqa' ghalhekk s-somma ta' €35,957.56

Joseph Anthony O'Connor, id-direttur tas-soċjetà intimata, fl-affidavit tiegħu[6] b'referenza għall-ammonti pretiżi mill-awtorità rikorrenti fir-rigward ta' kull bastiment (Dok A sa Dok F) spjega liema huma dawk li qed jaċċetta u liema huma dawk li qed jikkontesta. Din il-qorti ser tqishom wiehed wiehed.

Dwar MV Trivia2 - Dok A – ammont mitlub: €318.98

Fir-rigward tal-fatturi li jirreferu għall-bastiment _MV Trivia 2_ O'Connor jgħid li dawn huma "*in order and I can accept*."

Dwar MV Mar nova ex Carmela - Dok B – ammont mitlub: €1,625

Fir-rigward ta' dan il-bastiment l-awtorità rikorrenti qed titlob *laid up dues* (drittijiet għal bastimenti qegħda) għall-perjodu mill-24 ta' Diċembru 2010 sas-16 ta' Ġunju 2011 liema drittijiet jammontaw għal €1,625.

*Laid up dues* huma dovuti lill-Awtorità taħt it-Tieni Skeda tar-Regolamenti dwar Drittijiet tal-Port (L.S. 499.04) wara li bastiment jitqies bħala wieħed "qiegħed" ai termini tal-Kap 352.)

It-tifsira ta' "_bastiment qiegħed_" skont il-Kap 352 hija*:*

> *"…bastiment li jkun f' xi port u li ma jkunx użat regolarment skont l-użu xieraq għal dak ix-xorta ta' bastiment għal żmien ta' aktar minn erbatax-il jum; u għall-finijiet ta' din it-tifsira "bastiment" tinkludi floading dock, floating crane, tagħmir ta' salvtaġġ jew ta' rfigħ, sew fuq wiċċ il-baħar, mgħarqin jew immuntati fuq xi inġenji tal-baħar, u barkun, li jitmexxew b'mezzi mekkaniċi jew xort' oħra jew irmunkati, iżda ma tinkludix xi dgħajsa jew xi inġenji tal-baħar, użati biss għad-divertiment jew għall-*

[6] Affidavit ta' Joseph Anthony O'Connor, fol 131-132

*industrija tas-sajd, jew xi bastiment li jkun qiegħed f' xi port biex jissewwa.*

*Iżda l-Awtorità tista', għall-finijiet ta' din it-tifsira, fid-diskrezzjoni tagħha, tiddikjara li dgħajsa jew inġenji tal-baħar ma jkunux użati biss għad-divertiment jew għall-industrija tas-sajd, jew li bastiment ma jkunx qiegħed għat-tiswija, u kull bastiment bħal dak jitqies bħala bastiment qiegħed."*

O'Connor fl-affidavit tiegħu jikkontesta dan l-ammont ta' €1,625 rappreżentanti *laid up dues* għal żewġ raġunijiet: l-ewwel għaliex allegatament kien hemm akkordju ma' Mr Anthony Caruana li kellu jipprovdilu irmiġġ b'xejn sakemm jissewwa dan l-bastiment iżda sussegwentement l-irmiġġ oriġinali nbidel u ma baqax adegwat biex jitkomplu jsiru t-tiswijiet:

Huwa jispjega li Mr Anthony Caruana, kien kellmu fuq dan il-bastiment li kien ilu "qiegħed" u abbandunat fil-port għal madwar għaxar (10) snin u talbu jistax jagħmel xi ħaġa bih. Skont O'Connor kienu qablu li jekk huwa jieħu dan il-bastiment f' idejh:

"…*I could have the benefit of the vessel's then long time own berth at no extra cost until at least such time as I had done the major repairs and rebuilding of the vessel as the vessel had been submerged and very major work had to be done on the vessel before it was operational and seaworthy again*."

Jgħid li kien għalhekk li akkwista dan il-bastiment. Jilmenta però illi:

"*Some time after we started the rebuild of the vessel Mr Caruana went back on his agreement with me and told me that I had to move the boat to Cassar Ship repairs as he needed the berth but, he told me that he had arranged with Cassars and that I would not have to pay whilst moored at Cassar's premises. I very reluctantly accepted."*

Iżid jgħid li wara ġimgħatejn jew tlieta, Cassar's Ship Yard kienu qalulu li jekk ried idum iktar kellu jħallas.

> "*I went back to Mr Caruana and he promised to speak to Cassars but nothing came of it and to avoid being then served with an astronomical bill from Cassars I made arrangements with Bezzina Ship Repairs to berth the boat at their facility. This was not a good place as the only access was by foot only and even then we had to do so by waking some 3-400 metres over a disused water pipe and then across a 50% submerged barge which was at an angle of some 30 degrees. Under extreme difficulty we continued the refit of the vessel but in the end I had to sell the boat at a great loss due to Mr Caruana not granting an alternative suitable berth for us to carry out the rebuilding of the vessel*."

Min-naha tiegħu Anthony Caruana qal hekk:

> "…. *O'Connor qed jallega illi jiena kont personalment wegħdtu illi peress illi l-bastiment kien ilu snin jingombra l-port, kien ser jingħata rmiġġ b'xejn sakemm jissewwa f'Bezzina Ship Repair Yard. Il-konvenut naqas però illi jagħti l-istorja kollha. Huwa minnu illi f' Diċembru 2006 kien sar diskors f'dak is-sens. Però d-drittijiet għal bastimenti qegħda (laid up dues) bdew jiġu fatturati biss f' Ottubru 2010 wara diversi avviżi lill-konvenuta meta ormai kien ovvju li mhux minnu illi l-bastiment kien "għat-tiswija"*."

Jirriżulta għalhekk mhux kontestat li fl-2006 kien sar xi diskors bejn Caruana u O'Connor fir-rigward ta' irmiġġ b'xejn sakemm isiru l-"*major repairs*" fuq il-bastiment MV Carmela. Jirriżulta wkoll li minn dak iż-żmien sa Ottubru 2010 l-awtorità fil-fatt ma talbitx "*laid up dues*". Kien biss meta rriżulta lill-awtorità li l-bastiment ma kienx qed jissewwa aktar li imbagħad bdiet titlob tali drittijiet minn Ottubru 2010.

L-awtorità rikorrenti fl-osservazzjonijiet tagħha tirreferi għad-deċiżjoni ta' din il-qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet "L-Awtorita` għat-Trasport f' Malta vs il-Bastiment MV

Maru u l-kumpanija Britannia Shipping International Ltd. proprjetarja tal-istess Bastiment" mogħtija fit-28 ta' April 2014[7]. F' tali kawża l-awtorita` rikorrenti kienet talbet "*laid up dues*" fir-rigward ta' dan il-bastiment MV Carmela li ġew fatturati fis-sena 2010. Il-qorti kienet irriteniet li t-talba tal-awtorità għall-ħlas tal-"*laid up dues"* fir-rigward tal-bastiment "Carmela" fl-2010 kienet ġustifikata peress li sa dak iż-żmien kien irriżulta li mhux minnu li l-bastiment kien qed jissewwa. Il-qorti kienet qalet:

> *"Din il-qorti ma tqisx ġustifikat l-ilment tas-soċjetà konvenuta għax ma hux raġonevoli li l-akkordju li sar in bona fede jibqa' viġenti oltre dak iż-żmien raġonevoli biex tiġi attwata l-obbligazzjoni korrispettiva tas-soċjetà konvenuta cioè li ssewwi l-vapur. Erba' snin ma jistax jitqies żmien raġonevoli u billi kull ftehim għandu jsir in bona fede, il-qorti tqis illi t-talba attriċi għall-ħlas tal-laid up dues fl-2010 hi ġustifikata u skont il-liġi."*

Doveruz ghall-Qorti tosserva illi sar appell minn din is-sentenza liema appell ghadu mhux deciz. O'Connor fix-xiehda tiegħu jsostni illi l-bastiment ma baqax jissewwa għaliex Anthony Caruana (i) "*went back on his agreement*" li sakemm jitlestew it-tiswijiet prinċipali seta' jżomm il-bastiment fl-irmiġġ fejn kien jinsab (skont hu il-Coalwharf) u dan għaliex ftit xhur wara qallu li kellu jneħħih mill-irmiġġ fejn kien u (ii) naqas li jipprovdi *"an alternative suitable berth for us to carry out the rebuilding of the vessel."*

Din il-qorti però ma jidhirlhiex li għandha tidħol f'din il-kwistjoni. Dak li jikkonċerna lil din il-qorti hu li l-bastiment effettivament reġa' spiċċa "qiegħed", u dan kif anke jirriżulta mill-Memorandum of Agreement datat 24 ta' Jannar 2011 esebit minn O'Connor stess, fejn il-bastiment ġie deskritt bħala "…*presently non operational and lying at Church Wharf Marsa*."

Fid-dawl ta' dan kollu sejra tqis li wara t-trapass ta' erba' snin minn meta sar l-akkordju bejn O'Connor u Caruana, il-*laid up*

[7] 188/11MC, deċiżjoni appellata

*dues* huma dovuti.

Hawnhekk din il-qorti tagħmel aċċenn għat-tielet (3) paragrafu tar-risposta ġuramentata tas-soċjetà intimata fejn eċċepiet illi "*parti sostanzjali mill-ammont reklamat mhux dovut stante li d-drittijiet ta' rmiġġ tħallsu lil terzi…*".

Dan qegħda tagħmlu peress li O'Connor fix-xiehda tiegħu fir-rigward ta' dan il-bastiment qal li huwa ħallas lil Bezzina talli uża l-irmiġġ. Iżda d-drittijiet mitluba fir-rigward ta' dan il-bastiment jirrigwardaw id-dritt ta' bastiment qiegħed u mhux id-dritt ta' rmiġġ. Għalhekk din l-eċċezzjoni in kwantu tista' titqies li hija marbuta ma' dan il-bastiment, hija insostenibbli.

It-tieni raguni li taghti s-socjetà intimata dwar pagamenti ta' "laid up dues" hija għaliex il-bastiment MV Carmela allegatament inbiegħ lil terzi.

O'Connor jaċċenna wkoll għall-fatt li l-bastiment MV Carmela inbiegħ fl-24 ta' Jannar 2011 u jsostni li jekk fl-agħar ipotezi għas-soċjetà intimata jinstab li għandha tħallas għal xi *laid up dues*, ċertament li dawn m'għandhomx jestendu lil hinn minn tali data. Huwa jagħmel riferenza għall-*Memorandum of Agreement* datat 24 ta' Jannar 2011[8] li permezz tiegħu Malta Towage Ltd[9] "*hereby agree to sell*" u IPI Management "*hereby agree to buy*" il-bastiment MV Carmela. Dan id-dokument però huwa biss wegħda ta' bejgħ mhux il-bejgħ innifsu, għalkemm fix-xiehda tiegħu O'Connor jikkonferma li fil-fatt il-bejgħ sar.

Din il-qorti tagħmel riferenza għall-Artikolu 5 tar-Regolamenti Dwar id-Drittijiet tal-Port (L.S. 499.04) li jistipula hekk:

> *"Kull bdil fis-sidien ta' bastiment li jkun fil-port għandu jiġi*

---

[8] Ara Memorandum of Agreement fol 133-135

[9] Fix-xiehda tiegħu tat-28.01.2016 (fol 141-143) O'Connor qal li huwa "*director and shareholder of Malta Towage Ltd".* Jiġi osservat ukoll illi l-indirizz tas-soċjeta` intimata kif indikat fuq il-fatturi huwa l-istess bħall-indirizz ta' Malta Towage Ltd kif indikat fuq il-Memorandum of Agreement u cioe`: 155, Cospicua Rd, Paola, PLA 1907.

*avżat bil-miktub mis-sid il-ġdid flimkien mas-sid ta' qabel lill-Awtorita` minnufih kif isir dak it-tibdil, u, fin-nuqqas ta' dak l-avviż, is-sid ta' qabel u s-sid il-ġdid ikunu responsabbli in solidum għall-ħlas ta' kull dritt li skont dawn ir-regolament jkollu jitħallas dwar il-bastiment."*

Fix-xiehda tiegħu in kontro-eżami tat-28 ta' Jannar 2016[10] O'Connor xehed illi:

*"The sale had to be registered with Transport Malta. I do not remember whether I personally informed the port's directorate. I believe I would have done because I would have registered with Transport Malta."*

Ix-xiehda ta' O'Connor ma tikkonferma xejn fiċ-ċert, u lanqas ma tressqet xi prova dokumentarja f'dan is-sens, iżda wara kollox jinkombi fuq l-awtorità rikorrenti li tipprova li l-*laid up dues* huma dovuti għaż-żmien kollu mitlub minnha. Anke meta rinfaċċjata b'din l-allegazzjoni ta' O'Connor, hija ma ressqet l-ebda provi f'dan ir-rigward. L-affidavit ta' Anthony Caruana li ġie ppreżentat minnha jirrigwarda l-kawża l-oħra u għalhekk perjodu preċedenti għal dan in kwistjoni. U għalkemm hija fil-kontro eżami li għamlet lil O'Connor staqsietu jekk huwa informax il-"port's directorate" bl-allegat bejgħ ma ressqet l-ebda prova da parti tagħha biex tipprova li l-istatus tal-bastiment baqa' wieħed ta' "qiegħed" sa Ġunju 2011 u lanqas ma spjegat fil-fatt ġietx avżata bl-allegat bejgħ skont l-Artikolu 5 tar-Regolamenti Dwar id-Drittijiet tal-Port (L.S. 499.04) fuq ċitat.

Għalhekk din il-qorti sejra tqis li l-ammont ta' *laid up dues* fir-rigward tal-bastiment MV Carmela kif pretiżi mill-awtorità rikorrenti għandhom jitħallsu mis-soċjeta` intimata biss sad-data tal-24 ta' Jannar 2011 u dawn għalhekk jammontaw għal €297.16

Din il-qorti hawnhekk tagħmel riferenza għar-raba' (4) paragrafu tar-risposta ġuramentata tas-soċjetà intimata fejn eċċepiet illi "*parti mid-drittijiet għal servizzi allegatament*

[10] Fol 141-143

*prestati ma ġewx prestati lis-soċjetà intimata*", eċċezzjoni li tidher li tista' tapplika fir-rigward ta' dan il-bastiment.

Madankollu in kwantu jista' jitqies li din l-eċċezzjoni tirrigwarda l-allegat bejgħ tal-bastiment lil terzi, is-soċjetà intimata ma ressqitx biżżejjed provi;

Inoltre, in kwantu jista' jitqies li din l-eċċezzjoni tirrigwarda l-fatt li mill-Memorandum of Agreement jidher li s-sid tal-bastiment kien Malta Towage Ltd u mhux is-soċjetà intimata Brittania Shipping International Ltd, u li għalhekk anke fir-rigward taż-żmien preċedenti għall-allegat bejgħ id-drittijiet mhux dovuti mis-soċjetà intimata, din il-qorti tagħmel is-segwenti osservazzjoni: Anthony Caruana fl-affidavit tiegħu spjega li Joseph Anthony O'Connor dejjem ippreżenta ruħu mas-soċjetà rikorrenti f'isem is-soċjetà intimata u dan kemm f'laqgħat personali kif ukoll f'komunikazzjonijiet b'ittri u emails. Fil-fatt l-istess O'Connor fl-affidavit tiegħu stess fir-rigward tal-fatturi li jirrigwardaw il-perjodu qabel l-allegat bejgħ tal-bastiment MV Carmela ma jikkontestax li jekk dawn għandhom jitħallsu, għandhom jitħallsu mis-soċjetà intimata.

Għalhekk fiċ-ċirkostanzi din il-qorti ma jidhilhiex li din l-eċċezzjoni timmerita li tintlaqa' fir-rigward ta' dan il-vapur.

Fir-rigward tal-fatturi li jirreferu għall-"*berthage dues*" tal-bastiment *MV Captain Omar,* O'Connor jikkontestahom in kwantu jgħid li r-rata li ġiet applikata hija ta' iktar minn €85 kuljum minflok ta' €25 kuljum. Jispjega li dan il-bastiment ghandu qies ta' 17.6m[11] u jaċċenna għall-fatt li l-bastiment MV Tuskar Rock ghandu qies ta' 24.5m[12] u jilmenta illi nonostante li l-MV Tuskar Rock huwa itwal mill-MV Captain Omar ir-rata li ġiet applikata fuq l-MV Tuskar Rock kienet ta' €25.

> *"…despite the fact that the Tuskar Rock is 25 metres and the Captain Omar is only 17.6 metres a charge of over €85 per day was applied for Captain Omar. I agree to pay the already agreed amount of €25 per day as was for the much*

[11] Ara Dok JAOX1 (Certificate of Survey – Tonnage Measurement), fol 136
[12] Ara Dok JAOX2 (International Tonnage Certificate), fol 137

*larger boat Tuskar Rock but do not agree to pay the charge of over €85 per day for the 17.6 metre boat."*

L-awtorità rikorrenti fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħha fl-ewwel lok tippreċiża illi r-rata tad-dritt tal-irmiġġ li ġiet applikata għal dan il-bastiment hija fil-fatt ta' €80 kuljum u mhux ta' "'il fuq minn €85 kuljum" kif isostni O'Connor. Fir-rigward tar-rata applikata. Tispjega li d-drittijiet tal-irmiġġ huma stabbiliti bil-liġi, senjatament ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet għall-Irmiġġ u Ankraġġ (L.S. 499.38) u li l-iskeda għal dawn ir-regolamenti tgħid ċar illi għal bastimenti ta' anqas minn 80 metru tul, ir-rata ta' dritt ta' rmiġġ hija ta' €80, li hija fil-fatt ir-rata li ġiet applikata għall-bastiment in kwistjoni MV Captain Omar.

Tkompli tgħid illi mhux eskluż li fil-każ tal-MV Tuskar Rock seta' kien intlaħaq arranġament alternattiv għaliex dan huwa permess fl-istess regolamenti. Madanakollu ma nġabet l-ebda prova illi kien ingħata xi skont jew ġie miftiehma rata differenti fil-każ tal-bastiment Captain Omar. Ma ntwera l-ebda ftehim bil-miktub jew approvat mill-awtorità li l-Captain Omar jiġi eżentat mill-applikazzjoni tar-regolamenti. Fir-rigward tax-xiehda ta' O'Connor fejn qal li kienu ġew infurmati li r-rata għal-MV Captain Omar kienet ser tkun ta' €25, ma saret l-ebda prova f' dan is-sens.

F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-qorti ser tqis li r-rata ta' €80 kuljum għall-irmiġġ tal-MV Captain Omar kif ikkalkulata fil-fatturi relattivi hija korretta u għalhekk l-ammont tad-drittijiet ta' rmiġġ li għandhom jitħallsu fir-rigward huwa kif mitlub mill-awtorità rikorrenti.

Hawnhekk din il-qorti tagħmel riferenza għat-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà intimata u cioè fejn qalet li "*parti sostanzjali mill-ammont reklamat mhux dovut stante li partijiet mir-rati reklamati huma esaġerati"*. Jidher li din l-eċċezzjoni hija marbuta ma dan il-bastiment u allura fiċ-ċirkostanzi jidher li hija infondata.

Skont il-fatturi relattivi l-ammont ta' drittijiet mitluba fir-rigward tal-bastiment MV Rania huwa ta' €5,290. Fir-rigward

ta' dan il-bastiment, O'Connor jikkontesta l-ammont għas-segwenti raġuni:

> "*We used to be the agent for this vessel and due to Transport Malta not honouring their commitment to us as the Ship's Agent and as is the standard firm Port Practice, whereby all movements of the vessel had to be first sanctioned by the ship's agent. We never to this day ever resigned from being the ships agent yet Transport Malta has decided to take instructions from a new ship's agent meaning that we now have lost control of the vessel and unable to recover these invoices. Transport Malta have incorrectly accepted a new agent without first receiving our duly signed "Transfer of Agency Documentation" to the new agent which is how it works and without this system we are not covered for our monies and expenditure. Transport Malta must either reinvoice the ship owner direct or the new ship's agent as we have lost control over the vessel due to their error.*"

O'Connor għalhekk jargumenta illi ladarba l-awtorità rikorrenti aċċettat struzzjonijiet mingħand terzi dwar l-istess bastiment, is-soċjetà intimata effettivament tilfet il-kontroll fuq il-bastiment u allura mhux ġust li hija issa titqies responsabbli għall-ħlas. Fix-xiehda tiegħu viva voce jirrakkonta kif darba waħda "*I happened to be in Marsaxlokk*" u innota l-bastiment MV Rania hemm. "*I inquired with Transport Malta and they informed me that I was not the agent any more*."

Din il-qorti tagħmel riferenza għall-Artikolu 13 tal-Kap 352 li jgħid hekk:

> "*Aġent ta' bastiment, li jkun wettaq xi egħmil dwar il-bastiment li b'xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att huwa meħtieġ li jsir jew li jkun daħal għal jew għamel xi ħlas jew ħa xi responsabbiltà dwar bastiment f'xi port, għandu, għall-finijiet ta' dan l-Att, jitqies li hu l-aġent tal-bastiment, matul iż-żmien li l-bastiment jibqa' Malta:*
>
> *Iżda l-aġent ta' dak il-bastiment m'għandux jibqa' jitqies bħala l-aġent tal-bastiment kif hawn qabel imsemmi jekk*

*is-sid tal-bastiment ikun bidel l-aġent ta' dak il-bastiment, u jkun ħatar aġent ieħor għall-bastiment biex jirrappreżenta lill-bastiment waqt li l-imsemmi bastiment ikun għadu jinsab Malta, f'liema każ, l-aġent tal-bastiment m'għandux jitqies aktar bħala l-aġent tal-bastiment mid-data tal-ħatra tal-aġent tal-bastiment sussegwenti, mis-sid tal-bastiment."*

Fid-dawl ta' dan il-provvediment għalhekk, jekk is-sid ta' bastiment ikun bidel l-aġent ta' tali bastiment u jkun ħatar ieħor biex jirrappreżenta l-bastiment waqt li l-imsemmi bastiment ikun għadu f' Malta, l-ewwel aġent ma jitqiesx aktar bħala l-aġent ta' tali bastiment mid-data li fiha jkun ġie maħtur it-tieni aġent.

L-awtorità rikorrenti fis-sottomissjonijiet tagħha taċċenna għall-fatt illi O'Connor, minkejja li jgħid li Transport Malta kienu qalulu li s-soċjetà intimata m'għadhiex iktar l-aġent ta' MV Rania, ma ġab l-ebda provi li juru li s-sid tal-vapur effettivament kien ħatar lil xi aġent ieħor u wisq anqas, meta saret tali ħatra. Għalkemm fix-xiehda tiegħu qal li kellu jressaq aktar dettalji, baqa' ma ressaqhomx.

Fil-fatt, ir-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà intimata, u cioè li "*parti mid-drittijiet għal servizzi allegatament prestati ma ġewx prestati lis-soċjetà intimata*" in kwantu hija marbuta ma' dan il-bastiment, hija infondata ladarba is-soċjetà intimata ma ressqitx provi konkreti f' dan is-sens.

Madankollu jigi enfasizzat illi kien jibqa' jinkombi fuq l-awtorità rikorrenti li tipprova li s-soċjetà intimata bħala aġent tal-bastiment hija dovuta tħallas għal dawn id-drittijiet għall-perjodu li għalih qegħda titlob l-istess drittijiet.

Dan baqgħet m'għamlitux. Lanqas ma ressqet provi fid-dawl tal-allegazzjoni tas-soċjetà intimata li kien inħatar aġent ġdid. Għalhekk fil-fehma ta' din il-qorti t-talba tal-awtorità rikorrenti għad-drittijiet pretiżi minnha da parti tas-soċjetà intimata fir-rigward ta' dan il-bastiment ma ġietx pruvata.

L-awtorità rikorrenti esebiet tlett fatturi datati 12 ta' Jannar 2011, 7 ta' Frar 2011 u 7 ta' Settembru 2011 fejn qed jintalbu "*laid up dues*" fl-ammont totali ta' €850 fir-rigward tal-bastiment MV Maru. O'Connor jikkontesta dan l-ammont għaliex jgħid li:

> *"…the vessel was never laid up it was at Bezzina's Ship Repairs Yard throughout this period undergoing major refit which on completion departed from Malta to Africa where it remains."*

Fix-xiehda tiegħu in kontro-eżami[13] qal:

> *"I contest the charges for MV Maru because there was a refit of the vessel which refit lasted several years. I confirm that laid up dues did not start being charged immediately, it could be months or even years later. The vessel was always registered. In fact recently, Transport Malta informed me that it is only now that they are starting to charge laid up dues. To put it clearly, the person in Transport Malta mentioned the intention to start charging these dues."*

L-awtorità rikorrenti fis-sottomissjonijiet tagħha tgħid li dan huwa l-istess argument li s-soċjetà intimata ressqet fil-kawża preċedenti fir-rigward tal-*laid up dues.* Fl-affidavit tiegħu fil-kawża preċedenti fir-rigward tal-laid up dues Anthony Caruana kien xehed hekk:

> *"…il-konvenuti qed jikkontestaw biss l-ammont ta' €1,297 f' laid up dues għax isostnu illi fil-perjodu illi għalih jirreferu l-laid up dues il-bastiment kien qiegħed għat-tiswija u kien qed iħallas l-irmiġġ lil Bezzina Ship Repair Yard. Jiġi rilevat però li fil-perjodu bejn is-17 t' Ottubru 2010 u d-29 ta' Jannar 2011 il-bastiment ma' kienx kopert b'ċertifikat validu ta' reġistrazzjoni u bħala bastiment mhux reġistrat kien b'hekk meqjus 'bastiment qiegħed' (laid up). Dan wara li, kif ġa ntqal Britannia Shipping International Ltd kienet*

[13] Xiehda ta' Joseph Anthony O'Connor tat-28 ta' Jannar 2016, fol 141-143

*ġiet debitament avżata biex tirregola ruħha dwar ir-reġistrazzjoni tal-bastiment b'ittri, emails u f' laqgħat ma' O'Connor."*

Din il-qorti tosserva li l-fatturi datati 12 ta' Jannar 2011, 7 ta' Frar 2011 u 7 ta' Settembru 2011 li ppreżentat l-awtorità rikorrenti fil-kawża odjerna fir-rigward tal-*laid up dues* relattivi għall-bastiment MV Maru ma jispeċifikawx għal liema perjodu qegħdin jirreferu. In oltre l-affidavit ta' Anthony Caruana fir-rigward tal-*laid up dues* mitluba fil-konfront ta' dan il-bastiment jirrigwarda l-perjodu bejn is-17 ta' Ottubru 2010 u d-29 ta' Jannar 2011, mertu dan tal-kawża preċedenti (188/11MC) u mhux ta' din odjerna[14]. L-awtorità rikorrenti ma ressqet l-ebda provi fir-rigward tal-istatus tal-bastiment MV Maru għall-perjodu li għalih qegħda titlob il-*laid up dues* fil-kawża odjerna, liema perjodu fil-fatt lanqas biss ġie speċifikat.

Għaldaqstant din il-qorti ma tqisx li l-Awtorità ppruvat it-talba tagħha sodisfaċentement f'dan ir-rigward.

Fir-rigward tal-fatturi li jirreferu għall-bastiment *MV Tuskar Rock* O'Connor jgħid li dawn huma "*correct and accepted".*

In vista tas-suespost, it-talba tal-awtorità rikorrenti għad-drittijiet pretiżi minnha hija fondata biss limitatament.

Mill-ammont ta' €42,588.26 kif indikat fuq il-prospett spjegattiv (Dok TM- fol 33) din il-qorti sejra tnaqqas:

(i) l-ammont ta' €6,630.70 rigwardanti l-pagament akkont tat-3 ta' Awwissu 2011 (kif fil-fatt l-istess awtorità taqbel li għandu jiġi mnaqqas);
(ii) l-ammont ta' €1,327.84 (u cioè parti mill-ammont mitlub ta' €1,625 fir-rigward tal-bastiment MV Mar Nova (ex Carmela);
(iii) l-ammont ta' €850 mitluba fir-rigward tal-bastiment MV Maru; u
(iv) l-ammont ta' €5,290 mitluba fir-rigward tal-bastiment MV

[14] Minkejja li skont il-prospett spjegattiv tal-awtorita` rikorrenti, fil-kawża 188/11MC intalbu l-ammonti dovuti qabel il-31 ta' Diċembru 2010

Rania.

Għalhekk l-ammont totali li għandha tħallas is-soċjetà intimata lill-awtorità rikorrenti huwa ta': €28,489.72.

Fil-ħames (5) paragrafu tar-risposta ġuramentata tagħha l-awtorità rikorrenti eċċepiet ili "*m'humiex dovuti l-imgħaxijiet kif kontemplati fil-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta*."

Din l-eċċezzjoni mhiex sostenibbli in vista tal-fatt li mhux kontestat li s-soċjetà intimata hija soċjetà kummerċjali u li d-drittijiet mitluba mill-awtorità rikorrenti huma dovuti fir-rigward tal-operazzjoni kummerċjali tagħha.

Għal dawn il-ragunijiet, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata, u tilqa' t-talbiet tal-awtorità rikorrenti limitatament, b'dan li:

(i) Tiddikjara li s-soċjetà Britannia Shipping International Ltd hija debitriċi tal-awtorità rikorrenti fis-somma ta' €28,489.72 (tmienja u ghoxrin elf erba' mija u disa' tmenin Ewro u tnejn u sebghin centezmu).

(ii) Tikkundanna lis-soċjetà Britannia Shipping International Ltd tħallas lill-awtorità rikorrenti s-somma ta' €28.489.72 (tmienja u ghoxrin elf erba' mija u disa' tmenin Ewro u tnejn u sebghin centezmu).

L-ispejjeż ġudizzjarji għandhom jitħallsu kwantu ghal erbgha minn hamsa mis-soċjetà intimata u wiehed minn hamsa mill-awtorità rikorrenti.

Is-soċjetà intimata għandha tħallas l-imgħaxijiet legali kif mitluba mill-istess awtorità rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG